**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 61**

**Data: 21 ta' Dicembru 2023**

**Hin: 09.00am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

61.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

61.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

61.5 Korrispondenza u Rapporti;

61.6 Progetti u Xogholijiet;

61.7 Kalendarju Kulturali 2024;

61.8 Skeda ta' Pagamenti;

61.9 Materji ohra;

61.10 Tmiem tal-laqgha.

---

**61.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji**

61.1.1 Tonio Mifsud talab sabiex jigi skuzat minhabba impenji ta' xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

**61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

61.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

61.3.1 Is-Sindku spjega li l-attivitajiet relatati mall-Milied fejn fil-21 ta' Dicembru ser issir il-majjalata fit-22 ta' Dicembru ser ikun hemm prezenti DJ. Gie spjegat ukoll li f'kaz ta' xita dawn isiru gewwa c-Centru Parrokkjali. Huwa kompla jghid li fis-26 ta' Dicembru ser issir il-purcissjoni tal-bambin. Fit-23 ta' Dicembru l-ahhar jum tan-novena ser jitqassmu r-rigali lit-tfal. Gie spjegat li fl-istess gurnata ser isir il-kuncert tal-Milied tal-parrocca kif ukoll kuncert ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni gewwa l-Kempinski. Fil-weekend ser ikun hemm ukoll it-talent show u l-partecipazzjoni tal-Folk Bands. Is-Sindku qal ukoll li ghada l-Gimgha u is-Sibt ser titella' Santa Factory. Kien hem qbil li hekk kif jispicca il-Christmas market l-Kunsill ghandu jara kif ser jehles mis-*sheds*. Il-Kunsill qabel mall-program propost u dwar il-*sheds*.

61.3.2 Is-Sindku ssugerixxa li ssir harga ghall-anzjani kif ukoll harga ghat-tfal bit-train. Huwa qal li l-harga ta' l-anzjani possibilment ghandha ssir fit-2 ta' Jannar fejn ikun hemm quddiesa, ikla u harga filwaqt li dik tat-tfal issir bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Dwar il-harga tat-tfal din ghandha ssir possibilment fit-28 ta' Dicembru li tibda' ghat-8.30am / 9.00am u ssir zjara f'Bethlem f'Ghajnsielem jew tal-Qortin fejn hemm park gdid. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel li ghandhom isiru dawn il-hargiet.

**61.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

61.4.1 Gew trattati s-segwenti mistqosijiet minghand Tonio Mifsud:

Mistoqsija D05 – Triq Santu Pietru – Culvert sabiex jigi imnaddaf peress li qed izomm hafna ilma u jitnaddfu ohrajn jekk hemm bzonn: Is-Sindku qal li din kienet problema peress li kien waqa' l-kulvert u ma trangax. Is-Sindku qal li t-triq, Dahlet Maxwell hija fil-program tat-toroq sabiex isir u meta jsiru x-xogholijiet din ser titranga.

Mistqosija D06 – Triq Santu Pietru – Nitlob li jinbena il-hajt tas-sejjieh li jinsab fuq in-naha tax-xellug kif indikat peress li jinsab ta' periklu kemm ghax-xufiera kif

ukoll ghal sid l-ghalqa li jkun jahdem go fiha. – Is-Sindku qal li ghandu jigi identifikat liema hajt hu u jitranga.

Mistqosija D07 – Qed inressaq ilmenti mir-Residenti rigward Bozza li tinsab fi triq ta' Sdieri in-naha t'isfel, illi ilha ghal dan l-ahhar zmien iteptep u ghandha bzonn tigi mibdulha mill-aktar fis peress li tinsab f'zona mudlama. – Is-Sindku qal li l-bozoz il-godda waslu u hekk kif il-kuntrattur ikun disponibbli ser jidhol jirranga l-bozoz kollha li b'kollox hemm xi tmienja.

Mistoqsija D08 – Residenti ressquli ilment, rigward il-Fanali ta' wara l-knisja peress li ilhom mitfijin ghal diversi gimghat u xhur skond kif qaluli. – Is-Sindku qal li kif gie diskuss precedentament il-cables tal-elettriku li kienu mghoddija minn mall-knisja tnehhew u l-fanali gew diskonettjati. Kif intqal waqt l-ahhar laqgha dawn iridu jigu mghoddija minn taht l-art fil-culvert li hemm apposta. Dan huwa previst li jsir ghal Jannar.

Mistoqsija D09 – Qed nerga inressaq it-talba tieghi sabiex il-Kunsilliera ikollhom email u business cards ufficjali f'isem il-Kunsill. Is-Sindku qal li kull kunsillier ghandu email. Huwa staqsa lill-kunsilliera jekk jehtiegux business cards u jekk iva din issir. Il-Kunsilliera ikkonfermaw li m'ghandhomx htiega ta' business cards. Il-kunsill qabel li dawn m'ghandhomx isiru.

Mistoqsija D10 – Ghandha tintalab laqgha ma' Transport Malta sabiex nergghu nitolbuhom biex isir pjan bir-reqqa ghall-immaniggjar tat-traffiku fiz-zona tal-Fgura. Residenti huma kontinwament imhassbin u inkwetati minhabba l-periklu li qed jiffaccjaw ta' kuljum u dan ghalhekk qed nerga nenfasizza sabiex tittiehed azzjoni u nergghu nitolbuhom sabiex jintervjenu – Is-Sindku qal li kien sar rapport u l-Kunsillier Tonio Mifsud kellu kopja u kellha ssir laqgha li s'issa ghadha ma saritx. Is-Sindku talab lis-segretarja sabiex taghmel appuntament mall-Perit u mall-Avukat sabiex jigi diskuss dan ir-rapport.

Mistqosija D11 – Qed nitlob sabiex ikolli l-possibilita' illi ikolli ritratti mill-arkivju jew inkella jigu mghoddija ritratti li ttiehdu tal-attivitajiet kif ukoll tal-okkazjonijiet li kellna s'issa f'din il-legislatura u nitlob ukoll sabiex wara kull attivita' sett ta' ritratti maghzula ghandhom jintbghatu lill-kunsilliera kemm ghal fatt ta' arkivju kif ukoll ta' rikordju – Is-Sindku qal li r-ritratti jkunu fuq il-facebook u fl-arkivju. M'hemmx oggezjoni li l-kunsilliera ikollhom access jiehdu kopja. F'dan il-kaz irid isir appuntament sabiex jigu l-ufficju u jiehdu kopja ta' dak li jehtiegu bhala ritratti.

Mistoqsija D12 – Qed inressaq proposta ta' attivita' madwar ir-rahal, sabiex jigi ppjanat biex jibda' jittellgha il-Gozo Traditions Festival li dan ikun jinkludi muzika, tradizzjoni, kulinarja, makkinarju/vetturi u talent, esebizzjonijiet, kukkanja, tieg antik, drawwiet, brilli, artiggjanat gewwa l-crafts village etc u ghal dan jigu mistiedna biex jippartecipaw ghaqdiet, nies ta' snajja u artisti – Is-Sindku qal li ma jsib ebda oggezjoni, l-importanti li tinstab il-koperazzjoni ta' kulhadd.

**61.5 Korrispondenza u Rapporti**

61.5.1 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:

PA/07051/23, RG/01095/23, PA/07487/23, PA/07348/23, PA/07090/23 u PA/07194/23.

Notifika ta' Avviz ta' Infurzar numru EC/00174/23

Tribunal ta' Revizjoni – Applikazzjoni numru PA/06814/22 – Is-Sindku spjega li fi Triq Karmni Grima jridu jibdnu xi appartamenti bil-pools u jridu jibnu aktar mil-limitu u r-residenti qeghdin joggezzjonaw. Is-Sindku qal li wiehed irid jara jekk hux jinkiser xi regolament tal-ippjanar. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li ghandha tintbghat il-korrispondenza lill-perit sabiex naraw jekk hux tinkiser xi regola. Joseph Mizzi qal li tajjeb tinzamm uniformita' fil-faccati.

## 61.6 Progetti u Xogholijiet

61.6.1 Is-Sindku qal li bhalissa ghaddejin xogholijiet fuq il-pedamenti u l-istruttura tal-progett tal-pannelli. Huwa spiega li s'issa saru t-toqob u s-siment u l-gimgha d-diehla l-kuntrattur taljan ser ikun qieghed jaghmel xogholijiet ohra sabiex fil-bidu tas-sena jibdew jitwahhlu l-pannelli. L-ghan huwa li sa l-ahhar ta' Frar ikunu lesti x-xogholijiet. Fir-rigward ta' l-Enemalta gie spjegat li jekk jinqabez il-103KWH ikun hemm bzonn ta' substation gdida pero' jekk jitnaqqas il-progett tkun trid tinxtara cable. Peress li biex isir substation iridu jinhargu l-permessi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fost ohrajn u l-progett ma jistax jistenna fit-tul gie deciz li jinxtara l-cable. Gie spjegat ukoll li intalbet l-ghajnuna tal-Ministru Dalli fejn din giet milqugha u gie iffirmat il-kuntratt ghall-fondi. Is-Sindku qal li l-Otters kien avvicinaw lill-Kunsill sabiex jidhlu f'agreement mall-Kunsill biex juzaw il-pool ukoll.

61.6.2 Gie spjegat li l-progett tat-toroq taht il-Mizura 4.3, il-Kunsill kien qed jistenna lill-perit sabiex jaghmel is-survey biex il-kuntrattur ikun jista' jibda' jahdem fuq it-toroq. Il-kunsill qed jistenna stima dwar trinka li trid issir.

61.6.3 Fir-rigward ta' Triq Tumas Cassar gie spjegat li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna li l-kuntrattur jibda' x-xogholijiet.

61.6.4 Fir-rigward tal-inawgurazzjoni tac-Centru Civiku inkluz Meeting Hub gie issugerit li jinzamm f'Frar u ikun mistieden il-Prim Ministru. Ghal din l-okkazjoni s-Sindku ssugerixxa li kull kunsillier u Sindku li kienu fil-kariga jinghataw badge tal-Kunsill. Miriam Borg issugerit ukoll li jigu mistiedna dawk li ser ikunu juzaw l-ufficini tal-meeting Hub. Ma' dawn ghandhom jigu mistiedna ukoll il-partners tal-progett. Is-Sindku qal ukoll li ghandha ssir irhama fl-entratura bl-ismijiet tal-Kunsilliera u ohra bis-Sindki li servew sal-gurnata.

## 61.7 Kalendarju Kulturali 2024

61.7.1 Is-Sindku qal li l-ewwel zewg attivitajiet ghas-sena 2024 li ser ikunu imtellghin mill-Kunsill ghandna dawk tal-Karnival u tal-Valentine. Ser ikun qed jitfassal kalendarju kulturali u jigi diskuss aktar 'il quddiem.

**61.8 Skeda ta' Pagamenti**

61.8.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**61.9 Materji ohra**

61.9.1 Is-Sindku qal li qabel il-laqgha kien hawn ufficjali mill-Qorti fejn gew jaraw is-sala tat-tribunal peress li din ser tibda' tintuza ukoll bhala Qorti tal-Minuri.

**61.10 Tmiem tal-laqgha**

61.10.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2023 at 9.00am.

60.10.2 Il-laqgha spiccat fil-9.55am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv